**Commissioner for Environment and Planning**


| | |
|---|---|
| **From:** | Joanna Farrugia on behalf of Commissioner for Environment and Planning |
| **Sent:** | 02 April 2025 10:47 |
| **To:** | john.borg@gov.mt |
| **Cc:** | johann.buttigieg@pa.org.mt; joe.galea@gov.mt; sharon.grech@pa.org.mt; ivor.robinich@pa.org.mt; charles.debattista@pa.org.mt; ecoffice@pa.org.mt |
| **Subject:** | Każ Nru CEP-23-4203 |
| **Categories:** | Related to Salesforce |


**Każ Nru CEP-23-4203**

2 ta' April 2025

Is-Segretarju Permanenti
Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar

Issir referenza għal dan il-każ li jitratta r-regolamenti dwar skedi ta' multi (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.25) taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Lura fl-4 ta' Diċembru 2023 (u mibgħuta mill-ġdid fit-13 ta' Marzu 2024) dan l-Uffiċċju talab il-kummenti tal-Ministeru dwar jekk il-massimu ta' €50,000 stabbilit f'dawn ir-regolamenti (li nħarġu għaxar snin ilu) għadhomx addattati għal-lum u jekk dan hux qed iservi bħala deterrent siewi kontra żvilupp irregolari, partikolarment bħal dak f'bini skedat u qlugħ ta' siġar u kif ukoll jekk hux iż-żmien li dawn ir-regolamenti jindirizzaw ukoll il-problemi viġenti ta' infurzar li tħabbat wiċċha magħhom l-istess Awtorità fejn *si tratta* strutturi irregolari li m'humiex daqstant fissi bħal kiosks, tined u mwejjed u siġġijiet.

L-ammont konsiderevoli ta' applikazzjonijiet 'to sanction' u kif ukoll il-problemi viġenti ta' ostakoli minn strutturi bħal imwejjed u siġġijiet fuq spazji pubbliċi jitolbu tibdil drastiku f'dawn ir-regolamenti sabiex minbarra li l-multi jkunu jirriflettu l-estent tal-irregolarità għaż-żminijiet tal-lum (dawn il-multi kienu ġew stabbiliti fis-sena 2012), l-istess multi jservu wkoll ta' deterrent utli f'ġieħ l-ambjent.

Qed jiġi rrakkomandat illi:

1. L-ammont massimu jiżdied għal €100,000.
2. Fil-każ ta' żvilupp permezz ta' oġġetti mobbli, tingħata twissija bil-miktub u f'każ ta' repetizzjoni fi żmien xahar, jiġu konfiskati l-oġġetti jew tiġi mposta multa simili għal dik stabbilita taħt ir-regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13).

Dawn il-figuri għandhom jiġu wkoll konformi u b'hekk riflessi fir-regolamenti dwar multi għal kull ġurnata u multi amministrattivi (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.24).

Nitolbok tinfurmani sat-2 ta' Mejju 2025 x'azzjoni bi ħsiebek tieħu biex twettaq dawn ir-rakkomandazzjonijiet u dan fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Att XXI dwar l-Ombudsman tal-1995.

Inselli għalik

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar
Uffiċċju tal-Ombudsman

Ikkuppjat: Chairperson Eżekuttiv Awtorità tal-Ippjanar

OMBUDSMAN
COMMISSIONER FOR ENVIRONMENT AND PLANNING
11 ST. PAUL STREET VALLETTA VLT 1210
telephone: + 356 22483200 fax: + 356 21247924
direct line: + 356 22483219 e-mail: cep@ombudsman.org.mt